# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tlettax (13) ta' Mejju 2021**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 1009/17**

Fl-ismijiet

**Fatima Zahra Zeroual (ID Marokkina AD51755)**

**Vs**

**Hashin Kuduzovic (ID 81748A)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 9 ta' Frar 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

    1. *L-attriċi f'din il-kawża talbet u ottjeniet il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru bir-riferenza numru 1590/2017 - dok. 'A'.*

    2. *Sussegwentement, hija talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' kontro-mandat għall-mandat ta' sekwestru surriferit, u dan in vista taċ-ċedoli ta' depożitu bir-riferenza numru 1925/2017, 2019/2017 u 2024/2017 - dok. 'B'.*

    3. *Preżentement allura, il-mandat ta' sekwestru odjern baqa' inspjegabbilment viġenti biss fir-rispett tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati.*

    4. *Il-mandat ta' sekwestru surriferit ġie ntavolat in kawtela tad-drittijiet reklamati mir-rikorrenti fil-kawża odjerna, drittijiet arġinati fit-talbiet għall-istess. liema talbiet jitrattaw biss l-eżegwibilita' u r-reġistrazzjoni ġewwa Malta ta' sentenzi emessi ġewwa l-Marokk (frott tal-kontenzjuż*

*ripetut bejn il-kontendenti) fit-termini tal-art. 825A et seq tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u liema sentenzi għadhom sub judice.*

5. *L-esponenti jistieden lil din l-Onorabbli Qorti tara fid-dettall il-kawżali magħżula mir-rikorrenti fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat surriferit: "(...) ħlas tal-ammont fuq indikat rappreżentanti bilanċ tad-data, arretrati ta' manteniment u l-manteniment prospettat għall-ħames snin li ġejjin (...)"*

6. *Evidentement, u għax ma jistax ikun mod ieħor, bil-mandat odjern is-sekwestranti qiegħda tikkawtela jedd għall-ħlas ta' somma flus (sic!).*

7. *Huwa llum pależi pero' illi fir-rispett tas-somma kkawtelata, r-rikorrenti ma pproċedietx b'kawża għall-jedd pekunjarju msemmi fil-mandat odjern fi żmien prefiss mil-Art. 824 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; hija filfatt proċediet biss bil-kawża odjerna.*

8. *L-esponenti umilment jissottometti illi kien ikun jispetta lir-rikorrenti l-jedd li tikkawtela l-pretensjonjjiet pekunjarji tagħha biss u unikament f’każ ta' eżitu favorevoli fil-kawża odjerna. L-Art. 828 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa inekwivoku dwar dan:*

> *828. Is-sentenza li biha tiġi ordnata l-eżekuzzjoni ta’ sentenza oħra mogħtija minn Qorti ta' pajjiż barra minn Malta, kif tiġi reġistrata fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, tipproduċi, minn dakinhar li tiġi hekk irreġistrata. ipoteka għall-kreditu kanonizzat bis-sentenza li tagħha tiġi ordnata l-eżekuzzjoni.*

9. *Ingħad filfatt minn din l-Onorabbli Qorti, fil-provvediment tagħha tad-19 ta' Lulju 2019 in atti tar-Rikors Ġuramentat numru 508/2019 LSO u emess in atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 566/2019, fl-ismijiet BT Prime Limited v. FXDD Malta Limited illi:*

> *Illi din il-Qorti tikkondividi dak sottomess ukoll fit-trattazzjoni, li meta l-każ fil-Qorti esteru jiġi deċiż, dan ma jagħtix lok għar-rikonoxximent awtomatiku f’Malta, iżda sabiex tiġi eżegwita dik is-sentenza mogħtija minn Qorti estera, iridu jiġu sodisfatti l-kriterji elenkati fil-liġi diment li s-sentenza ma temanix minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, f’liema każ japplikaw id-disposizzjonijiet ta' Brussels I Recast.*
>
> *Għalhekk, din il-Qorti taqbel li għandu jiġi applikat l-Artikolu 836(l)(a) tal-Kap 12 u tqis li l-Mandat m'għadux fis-seħħ stante li ma ġiex segwit mill-preżentata ta' każ quddiem il-Qrati f’din il-ġurisdizzjoni fiż-żmien stipulat bil-Liġi.*

10. *Għandu jirriżulta għalhekk lil din l-Onorabbli Qorti li dan il-mandat intuża biss bi skop li jweġġa’ u għal ebda raġuni oħra (ara Emanuel Sammut et*

*vs Josephine Sammut; Qorti Ċivili, Prim' Awla; deċiż fil-5 ta' Ġunju, 2003).*

11. *Huwa ormai assodat li hija u tidderimi rikors simili, din l-Onorabbli Qorti jeħtiġilha tagħmel biss eżami prima facie, u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża propja bejn il-kontendenti, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel din il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari, li jeħtiġilha tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja.*

12. *Huwa ormai assodat ukoll illi l-abbuż mill-proċedura ġudizzjarja jitqies f'każijiet li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nfisha. Fejn ikun hemm element ta’ aġir fieragħ fi proċedura ġudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju.*

13. *B'żieda mal-premess, u kif jidher mid-dokumenti hawn mehmuża, is-somma kawtelata tinsab bi sħiħ depożitata bi sħiħ fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti - dok. 'C'. Għalhekk ukoll ma fadal ebda ħtieġa fil-liġi għall-permanenza tal-att kawtelatorju.*

14. *F'dan ir-rispett, huwa prospettat illi r-rikorrenti targumenta li l-ħtieġa tal-permamenza tal-mandat ta' sekwestru hija sabiex timpedixxi l-iżbank tal-flejjes depożitati taħt l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti. Dan pero' la huwa meħtieġ u wisq anqas huwa fl-ispirtu tal-Liġi - una volta l-flejjes li tagħhom tintalab kawtela ikunu jinsabu depożitati taħt l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti ma jkun tassew fadal ebda skop għall-permanenza ta' mandat ta' sekwestru.*

15. *In vista ta' dak suespost, hija l-fehma tal-esponenti illi jeżistu l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex jitneħħa, ossia jiġi revokat in toto, il-mandat ta' sekwestru odjern.*

16. *Għar-raġunijiet hawn fuq sottomessi, u partikolarment stante l-evidenti nuqqas ta' ħtieġa tal-mandat odjern u stante l-fatt li huwa ma ġie notifikat bl-ebda interpellazzjoni qabel il-ħruġ tal-mandat, l-esponenti qegħdin minn issa jinvokaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 836 (8) (a), (b) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

17. *Dwar il-penali, ingħad fil-kawża Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut (Qorti Ċivili, Prim' Awla; deċiż fil-5 ta' Ġunju, 2003) illi din “hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż ..." Kompliet il-Qorti f’Paul Attard noe vs Loreto Abela illi: “ll-Qrati tagħna dejjem għarfu wkoll li l-jedd li wieħed idur għal rimedji ġudizzjarji ma għandux jitbiddel f’abbuż tal-proċedura bil-ħsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragħ, iġib lill-parti avversarja f'qagħda li jkollha ċċedi għar-rikatt, għandha jew m'għandhiex raġun".*

*Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob illi prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa neċessarja, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *tikkunsidra dan ir-rikors b'urġenza;*
2. *tirrevoka l-mandat ta' sekwestru b'referenza numru 1590/2017 fl-ismijiet premessi b'mod sħiħ, u dan ai termini tal-Artikolu 836 (1) (a), (c), (e) u/jew (f), jew liema minnhom, tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
3. *tikkundanna, għar-raġunijiet mogħtija mill-Artikolu 836 (8) (a), (b) u/jew (d), jew liema minnhom tal-istess Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, lis-sekwestranti Fatima Zahra Zeroual sabiex tħallas il-penali sal-massimu maħsub mil-liġi, li tmur għand ir-rikorrenti odjern;*
4. *sussidjarjament tordna lis-sekwestranti Fatima Zahra Zeroual sabiex, fit-termini tal-Artikoli 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tagħti, fi żmien stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-sekwestranti.*

*B'riżerva sħiħa tal-jeddijiet kollha spettanti lir-rikorrenti fosthom dawk naxxenti mid-dispost tal-Artikolu 836 (9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. Rat illi fit-8 ta' Marzu 2021, l-intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiża:

*Illi huwa kompletament falz l-argument tas-sekwestrat Hashim Kuduzovic li l-kawża odjerna 1009/2017 FDP għall-eżekuzzjoni ta' sentenza estera, li s-sustanza tagħha tinvolvi bl-iktar mod ċentrali l-ħlas ta' somma flus, hija b'xi mod iddivorzjata mill-jedd pekunjarju kkawtelat bil-mandat de quo 1590/2017;*

*Illi s-sentenza ċitata mill-istess sekwestrat f'punt 9 tar-rikors tiegħu, ossia, s-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti nhar id-19 ta' Lulju, 2019, fl-ismijiet BT Prime Limited vs FXDD Malta Limited (rikors ġuramentat numru 508/2019 LSO) ma għandha xejn x'taqsam mal-kawża odjerna u ma' dan il-mandat de quo',*

*Illi fil-kawża 508/2019 LSO, il-kumpannija sekwestranti kienet ippreżentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju, li ġie milqugħ mill-Qorti. Madankollu din il-kumpannija sekwestranti naqset milli tippreżenta kawża fil-qrati Maltin għall-jedd ikkawtelat bil-mandat fl-għoxrin jum żmien imsemmi minn Artikolu 843, moqri flimkien mal-Artikolu 849 ta' Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minflok, il-kumpannija sekwestranti invokat il-fatt li kienet invokat kawża ġewwa l-Istati Uniti;*

*Illi din l-Onorabbli Qorti ċaħdet il-validita ta' dan l-argument stante li kawża intavolata f'Qorti estera (mingħajr ma tkun ġiet reża eżegwibbli f'Malta) ma tistax tissodisfa r-rekwiżit impost mill-Artikolu 843, moqri flimkien mal-*

*Artikolu 849 ta' Kap. 12. Sabiex dan iseħħ, trid tiġi ppreżentata kawża għall-eżekuzzjoni fl-ordinament ġuridiku Malti;*

*Illi huwa preċiżament dan li għamlet l-esponenti Fatima Zeroual meta ppreżentat il-kawża odjerna (bin-numru 1009/2017 FDP). Dan il-fatt, minnu nnifsu, juri li s-sitwazzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti hija kompletament differenti minn dik li kienet tissussisti fil-Kawża 508/2019 LSO iċċitata mis-sekwestrat, fejn ma kienet ġiet intavolata l-ebda kawża quddiem il-qrati Maltin entro l-għoxrin jum previsti mil-liġi;*

*Illi talba għal eżekuzzjoni ta' sentenza barranija hija l-unika kawża li l-esponenti setgħet fil-fatt tintavola sabiex issalva l-mandat kawtelatorju de quo u ma setgħetx taqbad u tippreżenta xi forma oħra ta' talba għal kundanna ta' ħlas, kif donnu qiegħed jippretendi s-sekwestrat;*

*Illi xejn minn dan ma jnaqqas ir-rabta ġuridika, diretta u effettiva bejn il-ħruġ tal-mandat kawtelatorju, il-mertu (li huwa l-eżekuzzjoni tal-kawża estera) u l-eventwali eżekuzzjoni tal-pretensjoni kkawtelata;*

*Illi ma hemm assolutament xejn f'dan kollu li jista' b'xi mod, anki fantastiku, jindika li dan il-mandat kien intenzjonat "biss bi skop li jweġġa' u għal ebda raġuni oħra", jew li din il-proċedura kienet xi forma t'abbuż marbut "mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nfisha" kif jallega infondatament is-sekwestrat;*

*Illi, finalment, minkejja li s-sekwestrat Hashim Kuduzovic kien ilu jaf bid-dejn u l-obbligi li għandu favur l-esponenti u dan skont is-sentenzi mogħtija fil-Marokk, ossia s-sentenza datata 28 ta' Novembru, 2016, mogħtija mit-Trial Court ta' Rabat fil-Marokk fl-ismijiet "Mrs Fatima Zahra Zeroual residing in Avenue Nakhil, Residence Hasnaa, Apt. 7, Hay Riad having as proxy Mrs Hafida Marzoul Rsq., attorney at the Bar of Rabat, plaintiff vs. Mr Hashim Kuduzovic, residing in Avenue Nakhil, Residence Hasnaa, Apt. 7, Hay Riad, Rabat, defendant', li ġiet ikkonfermata b'sentenza oħra tal-24 ta' Mejju, 2017, tal-Qorti tal-Appell ta' Rabat fil-Marokk, kien tassew biss permezz tal-att kawtelatorju de quo li l-esponenti setgħet tikkawtela l-pretensjoni tagħha riżultat tal-istess sentenzi Marokkini, liema pretensjoni hija qiegħda tfittex tenforza fis-sistema ġuridika Maltija permezz tal-kawża odjerna bin-numru 1009/2017;*

*Illi, għalhekk, il-mandat għandu jibqa' viġenti fir-rispett tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati sabiex kull ammont li jinsab taħt din l-awtorita jibqa' fermament ikkawtelat sakemm tiġi deċiża l-pretensjoni tal-esponenti fil-Kawża 1009/2017 FDP, u inoltre l-esponenti Fatima Zeroual ma għandha tkun ikkundannata għal ebda penali stante li aġixxiet dejjem fit-termini tad-drittijiet mogħtija lilha bil-liġi sabiex tikkawtela dak dovut lilha;*

*Illi, għaldaqstant, it-talbiet tas-sekwestrat Hashim Kuduzovic huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjeż kontra l-istess sekwestrat.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

4. Rat illi fit-22 ta' April 2021, il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 434/2020 fl-atti odjerni.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-23 ta' Frar 2021.

6. Rat illi fit-23 ta' Frar 2021 il-kawża tħalliet għal deċiżjoni.

## Konsiderazzjonijiet legali tal-Qorti

7. Il-Qorti tosserva illi fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontromandat fl-ismijiet **DOM Communications Ltd vs. Office Group Ltd** deċiż mill-Prim' Awla fit-28 ta' April 2015, intqal is-segwenti:

   *"... fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm il-darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie.*

   *Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri vs Gové et**, deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem:*

   > *"mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' **prima facie*** (sottolinjar ta' dina l-Qorti*) u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."*

8. Il-Qorti tosserva wkoll illi, fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1235/2015 fl-ismijiet **Gaetano Abdilla et vs Bianco Charles et,** intqal is-segwenti:

   *"L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide Vincent Mercieca vs George Galea, 29 ta' Novembru, 2011, u Technobroadcast srl vs Mediterrenean Broadcasting Limited, tal-5 ta' Ġunju, 2007)."*

## Konsiderazzjonijiet fattwali tal-Qorti

9. Il-Qorti tibda billi tosserva illi fit-2 ta' Novembru 2017, l-intimata Fatima Zahra Zeroual talbet u ottnejniet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Nru 1590/17 għall-valur ta' tliet mija, tlieta u tletin elf, mitejn u erbgħa u sebgħin elf Euro (€333,274), u indikat il-kawżali is-segwenti:

    *In kawtela tad-dritt tar-rikorrenti għall-ħlas tal-ammont fuq indikat rappreżentanti bilanċ tad-data, arretrati ta' manteniment u l-manteniment prospettat għall-ħames snin li ġejjin, dovuti lill-esponenti skont kif muri fl-anness prospett (immarkat Dok P), liema pretenzi qiegħda tiddeduċi permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat kontestwalment sabiex id-deċiżjoni tat-28 ta' Novembru, 2016 mogħtija mit-Trial Court ta' Rabat Marokk fl-ismijiet "Mrs Fatima Zahra Zeroual residing in Avenue Nakhil, Residence Hasnaa, Apt. 7, Hay Riad having as proxy Mrs Hafida Mdfzoul Rsq., attorney at the Bar of Rabat, plaintiff vs Mr Hashim Kuduzovic, residing in Residence Hasnaa, Apt. 7, Hay Riad, Rabat defendant", liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata b'deċiżjoni oħra tal-24 ta' Mejju, 2017, tal-Qorti tal-Appell ta' Rabat fil-Marokk, tiġi ddikjarata eżegwibbli.*

10. Il-Qorti tosserva wkoll illi dakinhar stess, ossija 2 ta' Novembru 2017, l-intimata Zeroual intavolat il-proċeduri Rikors Ġuramentat Nru 1009 fl-ismijiet Fatima Zahra Zeroual vs Hashim Kuduzovic sabiex sentenza tat-28 ta' Novembru 2016 tiġi dikjarata eżegwibbli f'Malta.

11. Il-Qorti tirrileva, illi bir-rikors odjern intavolat mir-rikorrent Hashin Kuduzvic fid-9 ta' Frar 2021, ir-rikorrent qiegħed jitlob li l-Mandat fuq imsemmi jiġi revokat għar-raġunijiet segwenti:

    a. Illi ma saritx kawża sabiex tipproċedi għall-jedd pekunarju wara l-ħruġ tal-Mandat.
    b. Illi l-Mandat odjern intuża unikament sabiex iweġġa' lir-rikorrent Kuduzovic.
    c. Illi s-somma kawtelata tinsab bi sħiħ depositata fir-reġistru tal-Qorti.

12. Il-Qorti tibda biex tosserva illi r-rikorrent ma għandu ebda raġun jitlob it-tħassir tal-Mandat abbażi tal-allegazzjoni li kawża għall-jedd pekunjarju ma saritx, peress illi jirriżulta ampjament ippruvat li, KONTESTWALMENT mal-preżentata tal-Mandat ta' Sekwestru, Zeroual ippreżentat il-kawża 1009/17 PROPRJU sabiex tiġi eżegwita sentenza f'Malta għall-jedd pekunarju minnha pretiż.

13. Għalhekk, tali argument ma jistax jitqies favorevolment minn dina l-Qorti.

14. Il-Qorti tosserva wkoll illi ma huwiex minnu illi l-Mandat inħareġ unikament sabiex jweġġa' lir-rikorrent Kuduzovic. Jirriżulta illi l-intimata Zeroual għandha pretensjoni kontra Kuduzovic abbażi ta' sentenza ġewwa l-Marokk illi hija qiegħda tipprova teżegwixxi hawn Malta, u għalhekk kellha kull dritt illi titlob u tottjeni l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru sabiex il-pretensjoni tagħha tiġi kawtelata.

15. Għalhekk, tali argument ma jistax jitqies favorevolment minn dina l-Qorti wkoll.

16. Il-Qorti, tirrileva, madanakollu, illi dwar it-tielet bażi mressqa mir-rikorrent, jidher illi hemm bażi sabiex din il-Qorti tikkonsidraha.

17. Il-Qorti tirrileva, di fatti, li minn dokumentazzjoni miġjuba quddiem dina l-Qorti jirriżulta li:

    a. Permezz ta' ċedola ta' depositu Nru 1925/2017, il-Bank FIM Bank iddeposita s-somma ta' €310,326 taħt l-awtorita' tal-Qorti.

    b. Permezz ta' ċedola ta' depositu Nru 2019/17, fis-6 ta' Diċembru 2017 ir-rikorrent Kuduzovic iddeposita s-somma ta' €22,947.83 taħt l-awtorita' tal-Qorti.

    c. Permezz ta' ċedola ta' depositu Nru 2024/17, fis-7 ta' Diċembru 2017, l-istess rikorrenti iddeposita l-ammont ta' €39.40.

18. Jirriżulta illi dawn it-tlett ċedoli, flimkien, jammontaw għal **tlett mija u tlieta u tletin elf, tlett mija u tlettax-il Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (333,313.23)**.

19. Jirriżulta illi fil-15 ta' Diċembru 2017, l-intimata Zeroual ippreżentat kontro mandat fejn ingħad li l-Mandat

    *" ... m'għandhux jibqa' fis-seħħ limitatament fil-konfront tas-sekwestratarji 1) HSBC Bank Malta plc, 2) Bank of Valletta plc, 3) APS Bank Limited, 4) Lombard Bank Malta plc, 5) BNF Bank plc, 6) FIMbank plc u 7) Mediterranean Bank plc iżda jibqa' ferm fil-konfront tas-sekwestratarji Direttur Ġenerali tal-Qrati Ċivili, Kriminali u Tribunali."*

20. Jirriżulta illi l-Artikolu 836 (1) (e) jipprovdi illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat "*jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li tkun biżżejjed*".

21. Jirriżulta ċar illi, fil-preżent, għall-pretensjoni ta' Fatima Zahra Zeroual illi ġiet likwidata fl-ammont ta' tlett mija u tlieta u tletin elf, mitejn u erbgħa u sebgħin Euro (€333,274) hemm iddepositati fir-Reġistru tal-Qorti l-ammont ta' tlett mija u tlieta u tletin elf, tlett mija u tlettax-il Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€333,313.23), ossija somma suffiċjenti sabiex tkopri l-ammont hekk pretiż minn Zeroual fil-Mandat ta' Sekwestru 1590/17.

22. Jirriżulta, għalhekk, illi ma hemm ebda lok biex jinżamm in vigore il-Mandat ta' Sekwestru fil-konfront ta' persuna illi Zeroual indikat bħala "Direttur Ġenerali tal-Qrati Ċivili, Kriminali u Tribunali" li l-Qorti tosserva ma jeżistix bin-nomenklatura kif indikata.

23. Jirriżulta, naturalment, illi l-ammont iddepositati fir-Reġistru tal-Qorti permezz ta' ċedoli Nru 1925/17, 2019/17 u 2024/17 ma jistgħux jiġu liberament żbankati jekk mhux bil-permess tal-Qorti.

24. Jirriżulta, għalhekk, illi t-talba kif dedotta timmerita illi tiġi akkolta abbażi tal-Artikolu 836 (1) (e) .

25. Jirriżulta, madanakollu, illi l-istess ma jistax jingħad għar-rigward it-talba għal penali w għall-garanija xierqa kif rikjesta mir-rikorrent Kuduzovic, stante illi l-intimata Zeroual kienet ġustifikata tikkawtela d-drittijiet tagħha, drittijiet illi ilha aktar minn

erbgħa snin tipprova tenforza permezz tal-proċeduri 1009/17 li issa jinsabu fi stat avvanzat.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijet, tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tordna** r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1590/20217 fl-ismijiet '***Fatima Zahra Zeroual vs Hashim Kuduzovic***' maħruġ fit-2 ta' Novembru 2017 abbażi tal-Artikolu 836 (1) (c) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili.

**Tordna** li ċ-ċedoli ta' depositu numru 1925/2017, 2019/2017 u 2024/2017 ma jiġux żbankati salv b'ordni tal-Qorti WARA illi tiġi res ġudikata l-kawża Rikors Nru 1009/2017 fl-ismijiet '***Fatima Zahra Zeroual vs Hashim Kuduzovic***' u, għal dan il-għan, tordna illi kopja ta' tali deċiżjoni tiġi inserita ma' kull waħda mit-tlett ċedoli sabiex jiġi evitat żbank mhux skond id-digriet odjern.

**Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha ta' tali proċeduri.**

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**